MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 8/1997/3

Joseph u Concetta Maria konjugi Saliba u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2000 Concetta Maria konjugi tnehhiet mill-okkju tar-rikors
vs
Ic-Chairman, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, kif ukoll ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu l-Prim Ministru ta' Malta u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2000 il-Prim Ministru ta' Malta gie mnehhi mir-rikors u l-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2000 gie korrett ghal Ministru ghall-Ambjent u b'digriet tat-23 ta' April 2002 gie korrett ghal Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura u d-Direttur tax-Xoghol li gie kjamat fir-rikors b'digriet tad-29 ta' Dicembru 1998 u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2000 gie korrett ghal Direttur Generali tax-Xoghol

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod iktar preciz fis-17 ta’ Dicembru 1987, ir-rikorrenti sofrew ingustizzja lampanti billi r-rikorrent, Joseph Saliba kellu l-kuntratt tal-vettura tieghu li kienet impressed mad-Dipartiment tal-Water Works li ma giex imgedded fit-18 ta’ Dicembru 1987 minghajr gustifikazzjoni u minfloku gie kkuntrattjat haddiehor ta’ kulur politiku ben vist mill-Amministrazzjoni l-ohra.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors kienu s-segwenti:

i. Illi l-vettura tieghu kienet giet ingaggjata bhala impressed b’kuntratt mid-Dipartiment tal-Water Works fis-17 ta’ Settembru 1982.

ii. Illi l-vettura damet hekk ikkuntrattjata sa meta l-kuntratt ma giex imgedded fit-18 ta’ Dicembru 1987.

iii. Illi fil-fatt ir-rikorrent issottometta li l-kuntratt tieghu kien gie mgedded ininterrottament ghal perjodu ta’ hames snin u nofs u dan kif jidher mill-Engagement History tieghu mehmuza mill-ETC fis-6 ta’ Dicembru 1996 u li hi mmarkata Dok. “A”.

iv. Illi l-kuntratt tal-vettura tieghu impressed mad-Dipartiment tal-Water Works ma regax gie mgedded lilu mhux ghax ma kienx hemm bzonn l-istess vettura mad-Dipartiment tal-Water Works, imma bl-iskop specifiku li titnehha tieghu u li tigi ngaggjata vettura ohra bhala impressed li kienet tappartjeni lill-persuna ta’ kulur politiku differenti minnu u dan minghajr ma hadd tah preavviz jew raguni valida fil-ligi;

v. Illi l-ghajxien tal-familja tieghu kien jiddependi minn hemm tant li r-rikorrent kien kustrett li jemigra lejn l-esteru biex imantni lill-familja tieghu, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess rikors;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti filwaqt li rriservaw li jgibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta’ dan ir-

rikors, talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jilqa' t-talba taghhom u konsegwentament jinghataw rimedju skond il-ligi, kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust, u ghal dan l-iskop ir-rikorrenti talbu li r-rikorrent, Joseph Saliba jitpogga fl-istess pozizzjoni li kien fis-17 ta' Dicembru 1987 qabel ma l-vettura tieghu giet imnehhija minn impressed, jew alternattivament jekk l-istess rimedju mhuwiex aktar possibli, billi jigi ordnat jew li jinghata impjieg ma' l-istess Dipartiment tal-Water Works u/jew li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi t-Tribunal, u dana taht dawk il-provvedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jippreffiggi. Bl-ispejjez kontra l-intimati nomine.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma li eccepiet:

1. Illi dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti sabiex jisma' dan ir-rikors stante li l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu f'xi wahda jew iktar mill-azzjonijiet elenkati fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji.

2. Illi, ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mill-intimat.

Ra r-risposta tal-Prim Ministru u l-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni li eccepew:

Illi l-intimati m'humiex il-legittimi kontradditturi ghall-ilment li jikkoncerna l-amministrazzjoni ordinarja tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza biex

jisma’ l-ilment tar-rikorrent stante li bhala persuna b’kuntratt ta’ impressed driver ir-relazzjoni tieghu mal-Gvern mhix wahda prevista mill-Artikolu 6 ta’ l-Att VIII tal-1997.

Ghaldaqstant, l-intimati jissottometti illi ma hemm xejn allegat fir-rikors li jista’ jiggustifika r-rimedju mitlub.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mill-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xoghol li eccepixxa:

Illi huwa kien gie kjamat fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi minn dan l-Onorabbli Tribunal permezz tad-digriet datat 29 ta’ Dicembru 1998.

Illi l-intimat ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent stante illi kuntratti ta’ impressed drivers u t-tigdid taghhom ma jaqghux taht ir-responsabbilita’ tad-Dipartiment tax-Xoghol.

Illi l-intimat iforni biss il-vettura u s-sewwieq taghha lid-Dipartiment li jaghmel rikjesta ghal kiri ta’ vettura taht is-sistema impressed.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ghaldaqstant, l-intimat talab li dan it-Tribunal joghgbu jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju stante illi mhuwiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Illi fit-12 ta’ Lulju 2000 Dr Vincent Galea ghall-intimati pprezenta din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet u cioe`:

1. Illi r-rikors gie pprezentat fuori termine kontra l-intimati et u dan a tenur ta’ l-artikolu 9 tal-Att Nru VIII tal-1997.

2. Illi minghajr pregudizzju ghar-risposta suesposta, l-intimati et zammew fermi r-risposti minnhom diga` pprezentati.

3. Salv risposta ulterjuri.

Dr Vincent Galea ma specifikax ghal min qieghed jipprezenta din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent u semma li s-Sur Charlie Scicluna wiehed mill-ufficjali tad-Dipartiment tal-Water Works kien qallu li l-kuntratt tieghu ma kienx ser jigi mgedded ghax dejjem jigri ma’ tal-Labour. Dan kien ftit qabel it-18 ta’ Dicembru 1987. Wara li spiccalu l-kuntratt hu kellu jsiefer malajr ghax ried jghajjex il-familja u dam erba’ snin. Hu kien siefer wahdu ghax il-familja ma kienx seta jehodha mieghu.

Sostna illi meta ma ggeddidlux il-kuntratt dahlet persuna ohra li kienet baqghet hemm sakemm harget bil-pensjoni. Ma ftakarx l-isem tal-persuna, izda sostna li kien wiehed Nazzjonalist mix-Xewkija.

Fis-seduta tas-7 ta’ Jannar 1999 ir-rikorrent zied illi meta gie terminat il-kuntratt tieghu kien dahal Carmelo Sultana ta’ 6 Spring Street, Xaghra u dan baqa’ hemm sakemm irtira bl-eta`. Ikkonferma wkoll li meta kellu l-vettura impressed kien jaqla’ bejn Lm130 sa Lm150 fix-xahar.

Xehedet Concetta Maria Saliba mart ir-rikorrent li semmiet li kienet ilha mizzewwga mar-rikorrent ghal hamsa u ghoxrin sena u ghandha zewgt itfal. Semmiet li zewgha kien jaghmel xoghol bil-vettura impressed mal-

Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma. Kien ilu impressed ghal xi hames snin. Semmiet li meta saret il-bidla tal-Amministrazzjoni Governattiva u fis-17 ta' Dicembru ta' l-1987 twaqqaf il-kuntratt tar-ragel taghha. Il-mezz ta' l-ghejxien taghhom kien proprju dan.

Ir-ragel kellu jsiefer ghax dan kien il-mezz ta' l-ghajxien taghhom u kien mar l-Amerika. Hi ma kienetx marret mieghu ghax kellha tiehu hsieb it-tfal f'Malta. Semmiet li wara li spicca jahdem zewgha kien dahal bil-vettura impressed Carmelo Sultana.

Xehed Anton Hili li kien Senior Principal fid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali izda fiz-zmien meta kienet saret l-allegata ingustizzja, kien inkarigat mill-Labour Office gewwa Ghawdex. Infatti xehed bhala rapprezentant tad-Direttur tax-Xoghol.

Semma li l-involviment tal-Labour Office f'vetturi impressed huwa li jircievi t-talba mid-Dipartiment jew Korp koncernat u mill-Labour Office jibghatu l-vettura li jkun imiss fuq il-lista lil dan id-Dipartiment jew Korp. Mill-Labour Office qabel isir ic-checking biex jaraw jekk dan il-bniedem jirregistrax u mbaghad jibghatu lilu. Dan japplika wkoll ghat-terminazzjoni ta' kuntratti ta' vetturi impressed, ghaliex ikun id-dipartiment jew korp koncernat li jiddeciedi li jwaqqaf kuntratt u huma ma jidhlux fil-mertu ta' dan.

Il-kuntratt ta' karozza impressed huwa fuq bazi ta' tlett xhur u meta jiskadu t-tlett xhur, dan jiggedded jew jieqaf skond kif jiddeciedi d-Dipartiment jew Korp koncernat.

Dwar ir-remunerazzjoni li kien jaqla' r-rikorrent bil-vettura impressed, dan kien jaqla' xi Lm130 jew Lm150 fix-xahar, ghalkemm ma jafx bil-preciz.

Xehed Mario Caruana Principal fid-Dipartiment tax-Xoghol li kkonferma l-informazzjoni li kien hemm fir-risposta tal-kjamat fil-kawza Direttur tax-Xoghol.

Ipprezenta lista ta' l-impressed drivers gewwa Ghawdex mid-9 ta' Mejju 1987, liema lista, minbarra l-ismijiet u n-

numri tal-karta ta’ l-identita`, hemm indikat ukoll id-dipartiment li mieghu jahdmu, jew kienu jahdmu, kif ukoll id-data ta’ meta gew ingaggati. F’xi kazijiet hemm indikata wkoll id-data tat-terminazzjoni. Fil-kaz ta’ wiehed minnhom, Joe Galea, jidher ukoll it-transfer tieghu. Dan kollu jidher fuq Dokument MC1 li jinsab a fol 40 tal-process.

Ipprezenta wkoll dokument MC2, li juri l-formola li kienet tintuza, meta kienet ghadha tezisti s-sistema ta’ l-impressed, meta vettura kienet tintbaghat ghall-ewwel darba ma’ xi dipartiment, ministeru jew korp parastatali.

Ipprezenta wkoll formola ohra li tintuza meta jiskadi l-kuntratt, sabiex id-dipartiment, ministeru jew korp parastatali koncernat igedded jew jittermina l-impressment tal-vettura u dan bhala Dok MC3 li jinsab a fol 41B.

It-talba ghal vettura kienet issir mid-dipartiment, ministeru jew korp koncernat. Esebixxa zewg formoli sabiex juri li d-Dipartiment tax-Xoghol, ma kien ikollu l-ebda involviment fid-decizjoni ta’ l-ingagg ta’ vettura u l-anqas fid-decizjoni li jigi terminat jew li ma jiggeddidx il-kuntratt tal-vettura impressed.

Semma illi meta kien ikun hemm bzonn ghal-karozza ohra suppost il-procedura kienet illi jimxu wara xulxin u tintbghat ghal vettura li tkun l-ewwel tmiss fuq il-lista tal-vetturi. Izda d-dipartiment seta’ kellu l-ghazla jekk ikun irid xi tip ta’ vettura partikolari. Jigifieri jekk per ezempju dipartiment ikollu bzonn trakk, mill-Labour Office kien jintbaghat dak it-trakk li jkun gie registrat qabel l-ohrajn fil-kategorija tieghu.

Xehed Raymond Xuereb Administrator fit-Transport Section tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma li pprezenta lista tal-vetturi li kien hemm jew ghad hemm impressed mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma jew mal-Water Works Department skond kif jirrizulta fuq l-istess lista a fol 52 tal-process.

Semma li dawk il-vetturi li twaqqfu u dawk il-vetturi li dahlu minflokhom, kienu l-istess tip ta' vettura. Dwar hlasijiet li jircievi min ikollu l-vettura impressed, mir-records tal-Korporazzjoni jmorru lura ghall-ahhar hames snin ghaliex qabel il-pagi kienu jinhargu mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici stante li d-Dipartiment ta' l-Ilma kien parti minnu.

Vincent Piccinino ikkonferma r-risposta tal-Prim Ministru ghar-rikors fis-sens illi mhuwiex il-legittimu kontradittur ghaliex l-ilment jikkoncerna materja ta' l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma.

Paul Scicluna ikkonferma r-risposta tal-Ministeru ghax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni ghar-rikors li mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment stante li dan jikkoncerna l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma.

Xehed Anton Zammit li semma li r-rikorrent kien spicca jahdem bhala Impressed Driver fil-15 ta' Dicembru 1987 u kien replaced by Car Number H 7612 ta' Anthony Curmi fis-sens li Curmi dahal gurnata wara li spicca Saliba.

**KONKLUZJONIJIET:**

Hemm diversi eccezzjonijiet li jridu jigu regolati. L-ewwel eccezzjoni hija dwar il-kompetenza tat-Tribunal fis-sens illi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma eccepiet l-inkompetenza tat-Tribunal *ratione materae.*

Illi fil-kawza deciza minn dan it-Tribunal fis-7 ta' Marzu, 2000 fl-ismijiet Bezzina Carmel vs Direttur Dipartiment tal-Edukazzjoni [Rikors 759/97] dan it-Tribunal qal hekk:

"Illi l-kaz in ezami jirreferi mhux ghal tkeccija ossija terminazzjoni ta' impieg kif isostni l-intimat izda **f'nuqqas ta' hatra gdida ghal perijodu iehor normalment ta' tlitt xhur ohra minhabba il-bzonn tal-intimat u peress li r-rikorrent kien precedentement impjegat mal-intimat.** Ikun kaz ta' terminazzjoni ta' impieg jekk ir-rikorrent gie mwaqqaf **matul il-kors ta' l-impieg** ghal xi raguni valida jew le. S'issa ma instemghux provi f'dan il-kaz u ghalhekk jekk ikun il-kaz ta' terminazzjoni dan it-Tribunal ikollu

jieqaf hemm. Izda kif jirrizulta sa dan l-istadju l-ilment hu ta' kompetenza tat-Tribunal." [Ara wkoll Carmelo Farrugia vs Chairman MDC et deciza fit-28 ta' Gunju, 2000].

Ghal dawn il-motivi tichad din l-eccezzjoni preliminari.

Ukoll fir-rikors fl-ismijiet "Anthony Mifsud vs Korporazzjoni ghas-Servizz ta` l-Ilma" deciz fis-16 ta' Frar, 1998, it-Tribunal qal:

"L-artikolu 6 (1) jghid hekk:
It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Ghalhekk il-kompetenza tat-Tribunal hija:

[a] dwar ilmenti miktuba minn persuni li jallegaw li garrbu ingustizzja

[b] li l-ingustizzja trid tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew

restrizzjoni li kellha ggarrab [in consequence of undue distinction, exclusion or preference which has been made or given to his prejudice, or of any disability or restriction to which he has been subjected]
[c] b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar dak imsemmi aktar l-isfel.

Issa l-lista elenkata fil-paragrafi 6 (1) (a) (b) (c) (d) hija ezawrjenti b'mod li bil-fors il-kwistjoni trid tirriferi ghal hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, dhul fl-impieg, licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi u dan ad eskluzzjoni ta' xi azzjonijiet simili jew ftit differenti? Hu necessarju li l-kazijiet jaqghu precizament f'dawn it-termini, jew il-ligislatur ried jinkludi kazi ohra li huma ta' l-istess natura? Ghandhom jigu kunsidrati ingustizzji ohra li pero' ma humiex strettament hatra, promozzjoni, jew trasferiment, izda possibilment xi ingustizzja ohra mhux specifikament imsemmija izda li hi ta' l-istess natura?

Jekk hi inkluza promozzjoni certament li tidhol promozzjoni b'data differenti [anticipata jew posticipata]; kif ukoll hija inkluza "demotion". Jekk gie inkluz trasferiment [minn Dipartiment ghal iehor, jew sezzjoni ghal ohra] ghaliex m'ghandiex tigi inkluza rizenja sfurzata mic-cirkostanzi! Jidher li l-ispirtu tal-ligi kien li tkopri l-ingustizzji kif elenkati izda mhux li tinghata interpretazzjoni ferm restrittiva b'mod li jigi stultifikat l-iskop tal-ligi specjali li saret.

Dan it-Tribunal ihoss li hu ferm difficli li "a priori" jaghmel regoli precizi ta' dawk l-azzjonijiet kollha li jaqghu fil-kompetenza tieghu u liema le. Hu necessarju li f'kull kaz fejn ma huwiex specifikament imsemmi mill-istess ligi li t-Tribunal jezamina jekk il-kaz jinkwadrax.

Ikkunsidra li l-Korporazzjoni intimata qedgha ssostni li l-karozzi huma impressed u mhux id-driver, li dawk id-drivers ihallsu l-bolla tan-National Insurance tas-"self-employed" u jhallsuha huma kollha, la ghandhom leave u lanqas sick leave. Dawn fil-fehma tal-Korporazzjoni jeskludu lil min hu bhal rikorrent milli jaqgha that il-

gurisdizzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Pero’ hu ta’ min isemmi li ghalkemm ix-xhud tal-Korporazzjoni semma li l-karozza hi impressed u mhux ix-xufier, hemm il-kundizzjoni li l-vettura “must be owner driven” b’mod li l-ftehim ghalhekk qieghed isir mhux ghall-uzu esklusiv tal-karozza izda bhala kundizzjoni fundamentali li ma’ l-uzu tal-karozza irid ikun hemm ukoll is-sewqan mis-sid. Ghalhekk, ghalkemm strettament dan ix-xoghol ma jinkwadrax ruhu f’impieg b’mod li l-bolla tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tithallas ta’ self-emplyed, u li l-Manager tal-Personnel ma jkollux x’jaqsam maghhom direttament, xorta wahda ghall-iskop ta’ l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghandu jitqies bhala “dhul fl-impieg”. Jekk saret ingustizzja relattiva ghal impressed driver din ma tesorbitax mill-kompetenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.”

Ghal dawn il-motivi jichad din l-eccezzjoni preliminari.
Il-Prim Ministru u l-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni eccepew li mhumiex il-legittimi kontradittiri ghall-ilment li jikkoncerna Amministrazzjoni Ordinarja tal-Korporazzjoni ghas-Servizz ta’ l-Ilma.

L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li:

“Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.”

Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f’idejn il-Ministru jew Prim Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita` fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali.

Dan huwa kaz ta’ amministrazzjoni ordinarja u ghalhekk certament li r-responsabbilta` hija tal-Korporazzjoni ghas-

Servizz ta’ l-Ilma u b’ebda mod ma hija Prim Ministru jew tal-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni.

Fil-fatt ir-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex harrek lil Prim Ministru u l-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u ghalhekk it-Tribunal jiddikjara li dawn mhumiex il-legittimi kontraditturi kemm fir-rigward tal-Prim Ministru kif ukoll fil-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u jiddikjara li mhumiex il-legittimi kontraditturi. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta’ Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Prim Ministru u Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni.

Id-Direttur tax-Xoghol eccepixxa illi hu ma kellu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti stante li kuntratti tal-impressed drivers u tigdid taghhom ma jaqghux taht ir-responsabbilta` tad-Dipartiment tax-Xoghol. Hu sostna illi d-Direttur tax-Xoghol iforni biss il-vettura u s-sewwieq taghha lid-Dipartiment li ghamel rikjest ghal kiri tal-vettura taht is-sistema impressed.

Meta wiehed janalizza l-formoli li hemm kif ukoll id-deposizzjonijiet moghtija jirrizulta b’mod car illi fil-fatt ir-rwol tad-Dipartiment tax-Xoghol mhux wiehed li jaghzel hu stess u jimpjega hu stess izda sempliciment jaghmel servizz.

It-talba ghal vettura kienet issir mid-dipartiment, ministeru jew korp koncernat u jekk tiggeddidx jew le hija decizzjoni ta’ l-istess dipartiment, ministeru jew korp koncernat. Id-Dipartiment tax-Xoghol ma kien ikollu ebda involviment fid-decizjoni ta’ l-ingagg tal-vettura u l-anqas fid-decizjoni jekk dan jigix terminat b’kuntratt jew jekk jiggeddidx jew le. Ghalhekk it-Tribunal jilqa’ wkoll l-eccezzjoni tad-Direttur tax-Xoghol li hu ma ghandu l-ebda relazzjonijiet guridika mar-rikorrent u tilliberah stante li huwa mhux il-legittimu kontradittur.

Inoltre fit-12 ta' Lulju 2000 Dr Vincent Galea ghall-intimati eccepixxa illi r-rikors gie pprezentat fuori termini kontra l-intimati u dan a tenur ta' l-artikolu 9 tal-Att VIII tal-1997. Illi l-ewwelnett hawnhekk Dr Galea ma specikikax ghal-liema intimati qed jirriferixxi.

Izda f'dan l-istadju t-Tribunal jirriferixxi ghall-kawza fl-ismijiet Pauline Camilleri vs Direttur Avjazzjoni Civili u Malta International Airport Limited deciza fit-22 ta' Gunju, 2000 fejn qal:

"L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:

"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh." Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe' sat-2 ta' Dicembru, 1997.

Issa kien fid-9 ta' Marzu, 1999 li r-rikorrenti talbet il-kjamata fil-kawza tal-Malta International Airport Limited liema talba giet milqugha mit-Tribunal fl-istess data, u cioe' ferm wara it-2 ta' Dicembru, 1997. Li kieku is-socjeta' kjamata in kawza ma issollevatx din l-eccezzjoni it-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina it-talbiet tal-attrici, izda f'dan il-kaz, is-socjeta' kjamata fil-kawza issollevat din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-istess socjeta giet kjamata tardivament. Wiehed jista' jqis li ttiehdu passi kontra s-socjeta' kjamata fil-kawza fid-9 ta' Marzu, 1999 li jekwivali li fil-konfront tal-imsemmija socjeta' ir-rikors kien qisu prezentat f'dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati."

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni preliminari.

Jifdal ghalhekk issa, illi t-Tribunal jezamina l-mertu tal-kaz fil-konfront tac-Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma. Irrizulta b'mod car illi r-rikorrent kien impjegat mal-Korporazzjoni u dam impjegat sal-15 ta' Dicembru 1987. Ma rrizulta ebda ilment fil-konfront la tar-rikorrent personali u l-anqas fil-vettura tieghu. Irrizulta wkoll illi wara li spicca r-rikorrent dahlu jahdmu diversi nies mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma bl-istess mod bil-vettura u bl-istess tip ta' vettura li kellu r-rikorrent. Fosthom irrizulta li l-ghada stess illi spicca r-rikorrent dahlet persuna ohra u cioe` Anthony Curmi u l-vettura H-7612.

Irrizulta wkoll illi dahal in segwitu wkoll Carmelo Sultana kif ukoll mid-Dokument a fol 40 u 41 tal-process jirrizulta li ddahhlu kwantita` ta' nies bil-vettura impressed. Illi ghalhekk jirrizulta b'mod car illi minghajr raguni valida l-kuntratt tar-rikorrent ma giex imgedded izda minflok gew imdahhlin nies ohra u dawn minghajr ma nghataw raguni valida kemm fil-konfront tar-rikorrent kif ukoll dwar il-vettura tieghu. Dan certament jammota ghal ingustizzja kif specifikata fil-Kapitolu 394 tal-Ligijiet ta' Malta. Kawza ta' dan l-agir ir-rikorrent baghta finanzjarjament fis-sens li ma giex estiz lilu l-impjieg u kellu addirittura jsiefer minn Malta biex jghix hu u l-familja tieghu.

Ghal dawn il-motivi wara li jichad l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma, u peress li jsib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kumpensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef lira Maltin (LM3000).

Spejjez dwar il-mertu kontra l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma hlief l-eccezzjonijiet relattivi tal-Prim Ministru u Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni, Ministru ghall-Ambjent u d-Direttur tax-Xoghol li huma a karigu tar-rikorrent.